# NINU CREMONA

*Ta' Ivo Muscat Azzopardi*

**M**IN ma jafux? Ninu matul ħajtu kollha ħadem għal Malta, għall-Maltin u għall-Ilsien Malti. Wettaq dak li ħafna jiċħdu: jiġifieri li biex tintefa' għall-istudju ta' l-Ilsien Malti ma hemmx għal fejn iġġenneb Ilsna oħra. Barra mill-Ilsien Malti dejjem ikkoltiva t-Taljan u l-Ingliż u Ilsna oħra fosthom l-Ilsna Semitiċi.

Fostna l-Maltin, għajb għalina, ma nafx il-għala, hawn bosta li jafu tajjeb l-Ilsna barranin u jiċħdu Lsien Art Twelidna għax... għax il-Malti ma hu ta' ebda ħtieġa għall-għajxien. Imma lil dawn jiena ngħidilhom bl-akbar qawwa u saħħa li ebda studjuż ta' l-Ilsien Malti ma qatt xeħet taħt is-saqajn l-Ilsna barranin, għax aħna l-Istudjużi ta' l-Ilsien Malti nies sinċieri u patrijotti u ma naħsbux fl-ikel tal-ġisem biss.

Ninu Cremona: Min ma jafux? Mindu daħal f'Malta t-tagħlim ta' bilfors u marbut miegħu l-istudju ta' Lsienna, Ninu sar magħruf f'kull familja ta' Malta għax kull familja għandha lil xi ħadd li jmur l-iskola u fl-iskejjel tagħna l-Grammatka ta' Ninu Cremona hija *sine qua non* il-ħobżna ta' kull jum. Mela t-tfal kollha Maltin jafu lil Ninu Cremona, jekk mhux persunalment, bħala grammatiku. Imma Ninu Cremona huwa xi ħaġa wisq iżjed minn grammatiku.

Għandi xi 14-il ktieb tiegħu; fosthom iċ-ċkejknin u oħrajn ta' studju interessanti ferm, li jittrattaw fuq id-drama, novelli, poeżiji, folklore, storja, biografija, u fost kollox, kif diġà għidt, il-grammatka.

U naħseb li fuq dawn il-ħafna suġġetti Ninu Cremona ser ikollu min jaqdih wisq aktar u aħjar milli nista' naqdih jien.

Imma ta' Ninu Cremona jien irrid infakkar ir-rabtiet li kellu ma', Alla jaħfirlu, missieri. Ninu mexa fuq il-passi ta' Ġużè Muscat Azzopardi għax kien hu li ħajru jikteb bil-Malti xi ħamsin sena ilu u baqa' jaħdem id f'id miegħu sakemm ix-xiħ għalaq għajnejh għal dejjem fl-1927. U kien sewwa sew wara għoxrin sena ta' mewtu, jiġifieri fl-1947, li bl-akbar ferħa Ninu ra titwaħħal fuq sidru l-midalja li ġġib isem il-ħabib kbir tiegħu: Ġużè.



Jien x'se nibda ngħid ġdid fuq Ninu? Din ħaġa wisq tqila u għalhekk se jkolli mmiss korda ta' l-*arpa letterarja* li tinsab fil-bidu tal-karriera tiegħu u li forsi hemm bosta li ma jafux biha. Jien għaraft lil Ninu xi ħamsin sena ilu, aktarx qabel ma missieri ħajru jibda jikteb bil-Malti. Fejn għaraftu u kif għaraftu? Għaraftu taħt il-bixra li ftit għarfuh fiha.

Ninu Cremona, barra minn dawk id-doni li semmejtilkom fil-bidu ta' dawn il-kelmtejn, kellu don ieħor, wisq għal qalbu u li wara bosta u bosta snin, sfoga fih meta għanna "Il-Fidwa tal-Bdiewa": Il-palk Malti.

Ninu Cremona, għal min ma jafx, kien dilettant tal-palk Malti u kien dilettant mill-aħjar u meta jien kelli xi 16-il sena, fit-Teatru tal-kampanja, jismu "Il Secolo", li kien jinsab fi Triq Birkirkara, f'San Ġiljan, in-naħa ta' fuq, kienu jsiru reċti mill-aħjar minn dilettanti ta' polz. Jien ukoll, bħala żagħżugħ, doqt il-benna tar-ribalta Maltija li magħha għadni marbut sal-lum, għalkemm għaddew ħamsin sena sħaħ.

Fuq dik ir-ribalta tat-Teatrin "Il Secolo" għaraft raġel ta' xi tletin sena li fost l-interpretazzjonijiet tiegħu kellu wisq għal qalbu l-parti ta' Shylock fil-"Merchnat of Venice" ta' Shakespeare.

Dak ir-raġel kien Ninu Cremona u dik is-sena kienet bejn wieħed u ieħor l-1910. Ammirajtu, bqajt niftakru u wara bosta u bosta snin sirt ħabib tiegħu u hekk għadni sal-lum. Fl-1921 kont ninsab f'Lixandra, u missieri bagħatli proġett kif il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, marbuta minn Franġisk Saver Caruana, kien bi ħsiebha sseijes l-Alfabett il-ġdid ta' l-Ilsien Malti li fih Ninu Cremona kien l-id il-leminija. U malli ħarġet il-grammatka jien kont minn ta' l-ewwel li studjajtha u tgħallimtha, avolja kont ninsab elf mil 'il bogħod minn Malta. U issa se nagħlaq dawn il-kelmtejn hekk: Jiena nammira l-ħeġġa, ħerqa u sabar li għandu għal kollox Ninu Cremona imma l-aktar l-imħabba għal Art Twelidna.